23 ta' Diċembru 2008

**STQARRIJA għall-Publikazzjoni IMMEDJATA…**

**L-Insib Inġenerali u l-Kaċċa fir-Rebbiegħa mill-2009**

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ser terġa tibda tipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat Ornis Malta minn Jannar tal-2009.

Insegwitu għall-preżentazzjoni ta' *dossier* mħejji mill-FKNK li joffri soluzzjonijiet sodisfaċenti għaż-żamma ta' l-insib fil-futur, lill-Gvern u lill-Opożizzjoni, l-FKNK qeda tistena risposti mill-Partit Laburista u kellha laqgħa ma uffiċjali għolja mill-uffiċċju tal-Prim Ministru.

F'din il-laqgħa ġie stabbilit illi hekk kif inhuma mfassla r-regolamenti relatati, mhux biss rigward insib iżda ukoll rigward kaċċa, l-uniku mezz ta' kif tista' ssir preżentazzjoni uffiċjali kif ukoll id-difiża ta' tali *dossier* lill-Gvern, hu permezz tal-Kumitat Ornis Malta.

Għaldaqstant u minħabba ċ-ċirkostanzi kollha l-Kunsill ta' l-FKNK ddeċieda li huwa fl-aħjar interess tan-nassaba u l-kaċċaturi kollha Maltin u Għawdxin li jerġa jibda jattendi l-laqgħat tal-Kumitat Ornis sabiex jkun jista' jiddefendi bis-saħħa kollha, l-ewwel il-fatti li hemm fid-*dossier* rigward l-insib, u ftit wara l-fatti f'dokument ieħor tal-istess FKNK rigward il-kaċċa tar-Rebbiegħa tal-2009.

B'hekk ukoll l-FKNK ser tagħmel minn kollox sabiex jinkixfu l-gideb u l-informazzjoni skoretta li ta' spiss tistqarr l-BirdLife (Malta), kif ukoll sakhemm il-kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin jingħatalhom id-dritt legali tagħhom bħal kaċċaturi u nassaba ċittadini Ewropej l-oħra. La ċittadin ieħor tal-Ewropa Taljan, Awstrijak, Franċis u Spanjol fost oħrajn, għandu kull dritt jonsob, daqstantieħor għandhom ikollom l-istess dritt in-nassaba Maltin u Għawdxin. L-istess kif il-Gvern tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea tal-Ingilterra għandu r-rieda politika soda u b'mod korett japplika derogi neċessarji biex jippermetti l-kaċċa s-sena kollha inkluz fir-rebbiegħa, l-Gvern Malti għandu l-istess dritt u b'rieda politika soda għandu japplika deroga b'mod korett biex jerġa jippermetti l-kaċċa fir-Rebbiegħa mill-2009.

L-FKNK m'hi ser qatt taċċetta li l-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin jiġu ttrattati ta' ċittadini Ewropej tat-tieni klassi jew li ma jgawdux l-istess drittijiet bħal kaċċaturi u nassaba ċittadini Ewropej oħra minħabba ebda gideb u ebda nuqqas ta' ħadd.

Lino Farrugia

Segretarju - FKNK